**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 78/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius u Spettur Ritianne Gauci)**
**vs**
**Jason Mifsud u Joseph Zammit**

**Illum 2 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Jason Mlfsud ta' 47 sena, bin Carmelo u Carmen nee'Azzopardi, imwieled Pieta' nhar it-28 ta'April 1974, li joqgħod f' NSTS Hibernia Res, FL 108C, Triq Depiro, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 354774(M).

U lil

Joseph Zammit ta' 45 sena, bin George u Josephine nee' Bartolo, imwieled Pieta' nhar il-14 ta' Awwissu 1976, li joqgħod f' Wignacourt., FL 2, Triq ll-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera u detentur tal-karta ta l-identita' numru 460776(M).

Akkużati talli matul il-perjodu ta' bejn it-22 ta' Jannar 2022 u it-30 ta' Jannar 2022, b'diversi atti, magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Talli bejn il-għaxra ta' filghodu (10:00hrs) u is-sebgħa ta' filghaxija (19:00hrs) ta' nhar it-22 ta' Jannar 2022, ġewwa Triq San Ġuzepp, Birkirkara kkommettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Keeway Cityblade bin-numru ta' reġistrazzjoni DCQ554, li sar ghad-dannu ta' Fijo Joseph Kallarakkal u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-mezz u bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(€2,329.37);

2 u aktar talli bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u it-tlieta ta'wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar it-30 ta' Jannar 2022, ġewwa Triq Salvu Psaila Birkirkara, kkommettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Kyrnco Agility 16+ 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CEC305, li sar ghad-dannu ta' WT Global Ltd u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haġa misruqa, bil-mezz u bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37);

Lil **Joseph Zammit** Waħdu;

3 Talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b' sentenzi difinittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

Lil **Jason Mifsud** waħdu:

4. U aktar talli bejn il-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) ta' nhar it-22 ta' Jannar 2022, ġewwa Triq San Ġużepp, Birkirkara saq il-vettura tal-għamla Kċeeway CityBlade bin-numru ta' reġistrazzjoni DCQ554 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

5. U aktar talli bejn il-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) ta' nhar it-22 ta' Jannar 2022, ġewwa Triq San Ġużepp, Birkirkara saq il-vettura tal-għamla Keeway CityBlade bin-numru ta' reġistrazzjoni DCQ554 mingħajr ma' kien kopert b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

6. U aktar talli bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar it-30 ta' Jannar 2022 ġewwa Triq Salvu Psaila Birkirkara saq il-vettura tal-għamla Kymco Agility 16+ 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CEC305 mingħajr ma' kellu liċenzja tas-sewqan.

7. u aktar talli bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta'nhar it-30 ta' Jannar 2022 ġewwa Triq Salvu Psaila Birkirkara saq il-vettura tal-għamla Kymco Agility 16+ 125 bin-numru ta'

reġistrazzjoni CEC305 mingħajr ma’ kien kopert b’ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

8. U aktar talli bejn id-disgħa ta’ filgħodu (09:00hrs) u il-ħdax ta’ filgħodu (11:00hrs) ta’ nhar it-18 ta’ Frar 2022 ġewwa Triq Clarence, Pieta saq il-vettura tal-għamla Kymco Agility 16+ 125 bin-numru ta’ reġistrazzjoni CEC305 mingħajr ma’ kellu liċenzja tas-sewqan.

9. U aktar talli bejn id-disgħa ta’ filgħodu (09:00hrs) u il-ħdax ta’ filgħodu (11:00hrs) ta’ nhar it-18 ta’ Frar 2022 ġewwa Triq Clarence, Pieta saq il-vettura tal-għamla Kymco Agility 16+ 125 bin-numru ta’ reġistrazzjoni CEC305 mingħajr ma’ kien kopert b’ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

10. Talli fl-istess dati, ħin lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta b’ sentenzi difinittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta’ ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Rat li l-Ufficjal Prosekuturi Andrew Agius u Ritianne Gauci qraw u kkonfermaw bil-gurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta’ l-imputati fis-seduta datata fl-20 ta’ Frar 2022;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe’, rikors għall-ftuħ tal-Qorti mmarkat DOK AA1, Ċertifikat mediku mmarkat DOK AA2, u AA3, Fedina Penali ta’ Joseph Zammit immarkata DOK AA4, Fedina penali ta’ Jason Mifsud immarkata DOK AA5, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta’ Jason Mifsud immarkat DOK AA6, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta’ Joseph Zammit immarkat AA7;

Rat li fis-seduta datata 2 ta’ Marzu 2022 l-imputati kif debitament assistiti irreġistraw ammissjoni u wara li l-Qorti ordnat lill-imputati biex jikkonsultaw ma’ l-avukati tagħhom fuq l-istess ammissjoni u wara tathom żmien biżżejjed biex jikkunsidraw l-ammissjoni taghhom u spjegat il-portata ta’ l-ammissjoni tagħhom, huma ikkonfermaw il-ħtija tagħhom;

**Ikkunsidrat:**

Għal dak li jirrigwarda l-piena li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ċara inekwivoka li saret fi stadju ferm bikri ta’ dawn il-proċeduri u l-fatt li ma kelliex għalfejn taħli iżjed żmien u seduti għall-ġbir tal-provi. Madanakollu l-Qorti wara li rat il-gravita’ tar-reati flimkien mal-fedini penali ta’ l-

imputati eżebiti, tqis li l-imputati għandhom karattru refrettarju u ma tarax li hemm triq oħra għajr li jingħataw sentenza ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(ċ)(g), 263, 265, 278, 267, 271(g), 279(b), 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom, u tikkundanna lil Joseph Zammit għal perjodu ta' tlett (3) snin priġunerija effetiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati Joseph Zammit għamel bħala arrest preventiv, u tikkundanna lil Jason Mifsud għal perjodu ta' tlett (3) snin u erba' (4) xhur priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati Jason Mifsud għamel bħala arrest preventiv, u tiskwalifika lil Jason Mifsud mill-jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax -il xahar li jibda min-nofs il-lejl u minuta tal-lum.

Tordna li l-ħatjin Josep Zammit u Jason Mifsud jitqiegħdu taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex jegħlbu l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dawn l-atti u ta' din is-sentenza għandhom jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi skond l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Uffiċċjali tal-Probation u l-Parole.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**